# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 30 ta' Marzu 2021**

Appell numru: 314/2019

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Aaron Steven Stewart Edward RITCHIE**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il- 11 ta' Novembru 2019 fil-konfront ta' Aaron Steven

Stewart Edward RITCHIE, karta tal-identità bin-numru 77000L li ġie mixli (in suċċint):

Talli b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmulin f'riżoluzzjoni waħda:

i. Bejn l-1 ta' Jannar 2018 u s-7 ta' April 2018 f'diversi ħinijiet ġewwa il-fond magħruf bħala Clive Confectionary li jinsab fi Triq Bormla, Paola, bħal l-persuna li ġab ruħħu b'mod li ta fastidju lil Josette (Josephine) Al Ra-el, Damian Cuschieri u Charlene Saliba u b) b'mod li tkun taf jew li imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dawn il-persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 251A (a) u (b) tal-Kodiċi Kriminali;
ii. Fl-istesss dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil Josette (Josephine) Al-Rael, Damian Cuschieri u Charlene Saliba, biża' li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' tagħhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222 u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali.
iii. Fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi f'xi post pubbliku jimmolesta n-nies biex jitlob il-karita u dan bi ksur tal-Artikolu 338(x) tal-Kodici Kriminali.
iv. Talli fis-7 ta' April 2018 għall-ħabta ta' bejn l-10.00 u l-10.30 ġewwa l-fond Clive Confectionary fi Triq Bormla, bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq mill-fond Clive Confectionary wera dan il-ħsieb b'atti esterni liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu liema serq kieku seħħ kien ikun aggravat bil-vjolenza, mezz u valur.
v. Fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, issekwestra lil Josette (Josephine) Al-Rael, Damian Cuschieri u Charlene Saliba u dan bi skur tal-Artikoli 86 u 87(e) tal-Kodici Kriminali.
vi. Fl-istess dati, ħinijiet u ċirkostanzi ta' qtajja jew beżża lil Josette (Josephine) Al-Rael, Damian Cuschieri u Charlene Saliba b'mod li jista' jagħmlilhom il-ħsara għalkemm dan jagħmlu b'ċajt.
vii. Fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi mingħajr ma jidrob jew isawwat, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin jew iwaddabhom jew jaqbad armi oħra kontra n-nies.
viii. Fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi kiser il-provvedimenti tal-Kap. 446 Artikolu 22 tal-Liġijiet ta' Malta
ix. Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija flimkien mal-piena todna r-revoka tad-digriet magħmul fil-15 ta' Frar 2018 li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest.
x. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi irrenda ruħħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 i 289 tal-Kodici Kriminali.
xi. Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Josette (Josephine) Al-Rael, Damian Cuschieri, u Charlene Saliba u minn issa tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali.

xii. F’każ ta’ ħtija, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-imsemmija persuni.
xiii. Il-Qorti ġie ukoll ġentilment mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tordna l-ħlas tal-ispejjeż ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, iddikjarat lil Aaron Steven Stewart Edward RITCHIE ħati tal-ewwel, it-tieni, is-sitt, is-seba’, it-tmien u l-għaxar imputazzjoni u kkundannatu għall-perjodu ta’ priġunerija għal żmien disa’ xhur filwaqt li lliberatu mill-akkużi l-oħra stante li dawn ma ġewx ippruvati. Il-Qorti kkundannatu wkoll għal dawk l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti u għamlet ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali għal żmien tlett snin.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi Aaron Steven Stewart Edward RITCHIE appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevokaha s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena jew alternattivament, tirriforma s-sentenza billi tikkonferma l-ħtija (anke jekk mhux fl-intier tagħhom) filwaqt li tħassar u tirrevoka l-parti tal-piena u tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta. Dan kollu wara li stqarr is-segwenti :

i. Ma jirriżultax il-fastidju ai termini tal-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali u dan għaliex jidher li l-**course of conduct** ma ġiex ippruvat. Ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jsemmu fatt wieħed biss u cioe’ dak tas-7 ta’ April u xi

referenza għal episodji preċedenti tissemma' biss fir-rapporti u tali referenza hija nieqsa għal kollox minn data jew perjodu kwindi l-Qorti hija sprovvista mill-element essenzjali sabiex tkun tista' tanalizza jekk kinx hemm course of conduct. Il-Prosekuzzjoni għalhekk naqset milli ġġib l-aqwa prova u għalhekk l-appellant għandu jiġi liberat minn tali akkuża.

ii. Mill-provi prodotti ma hemm imkien indikat li l-appellant aġixxa in vjolazzjoni tal-Artikolu 251B versu Josette (Josephine) Al Ra-el u Charlene Saliba dunque l-buon sens jiddetta li r-reat kien dirett lejn Damian Cuschieri u dan stante li dik kienet il-persuna preżenti fis-7 ta' April. A fol. 43(PIRS), Damian Cuschieri stqarr mal-Pulizija li hu baqa' kalm u ma ppanikja xejn għax din ma kinetx l-ewwel darba li seħħet din il-haġa. In oltre, meta xehed viva voce Damian Cuschieri qal li kien għaraf lill-appellant mill-ewwel biex b'hekk ix-xhud kompla jsaħħaħ il-fatt li hu fl-ebda ħin ma kien qiegħed jibża' la li ser tintuża biza' kontrih u la versu l-propjeta' tiegħu. L-appellant mgħandux għalhekk jinstab ħati ta' din l-akkuża.

iii. Il-provi prodotti jikkonċernaw biss inċident wieħed tas-7 ta' April; in fatti l-istess Qorti tuża' l-kelma 'f'dak il-mument'. Dan ifisser li semmai, l-elementi tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 339(i) kellhom biss jiġu applikati fil-konfront ta' Damian Cuschieri. Ma jidhrix li Damian Cuschieri qatt kien fi stat ta' biża' u dan minn kliemu stess u l-fatt li ma kinux qiegħdin jieħdu pjaċir bl-atteġġjament tal-imputat ma jfissirx li kienu qegħdin jibżgħu. Lanqas ma hemm prova ta' kif dawn iċ-ċirkostanzi setgħu wasslu għall-ħsara fuq il-persuna. Il-biża hjew ħsara mhux biżżejjed biex jissussisti r-reat iżda jrid jirriżulta li kien hemm ħsara fuq il-persuna. Din il-prova mhiex fl-atti għalhekk għandu jiġi liberat mis-sitt akkuża wkoll.

iv. L-Artikolu 339(b) jelenka bħala armi ġebel, ħwejjeġ u armi oħra. Fil-każ odjern la kien hemm ġebel u lanqas ħwejjeġ iebsa iżda mus. Kwindi skont l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi Kriminali dan jammonta għal arma regolari. Ġjaladarba l-leġislatur kwalifika l-armi fl-Artikolu 339(b) bħala armi oħra, dan ċertament ifisser li l-armi l-oħra huma armi irregolari hekk kif inhuma l-ġebel u ħwejjeġ iebsa in kuntrast ma' mus. Dan għalhekk ifisser li l-appellant huwa fl-impossibilita' li jinstab ħati ai termini tal-Artikolu 339(b), in oltre l-fatt li mhemmx motivazzjoni ċara ta' għalfejn l-ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant għal dan ir-reat.

v. Ictu oculi wieħed faċilment jinduna li ma hemm ebda sentenza li tirrigwarda t-tmien akkuża nonostante dan l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati xorta waħda sabet ħtija.

vi. Piena eċċessiva.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

## Ikkunsidrat

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta’ din il-Qorti jibqa’ dak ta’ reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta’ ritrattazzjoni, u ma terġax tisma’ l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b’hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta’ reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b’dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b’mod tajjeb u skont il-Liġi.

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista’ tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

10. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta'**

permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu

---

**Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

17. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif

[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

20. U huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża</u>** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

21. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser

biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

22. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

**598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

23. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod : -

> 21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
>
> > '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'
>
> 22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
>
> > 'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'
>
> 23. Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:
>
> > 'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law ruel against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'
>
> 24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).
>
> 25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara:

Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

24. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti : -

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:

> 'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew  social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet

qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

> Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

25. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar-

> Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

26. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-

opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

27. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

28. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-

Maġistrati kienetx “unsafe and unsatisfactory” fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B’hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta’ dik il-Qorti ma tkunx “unsafe and unsatisfactory”. Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta’ dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. Il-KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni meritu tal-ewwel aggravju tal-appellant.**

**Ikkunsidrat**

29. Illi r-reat imputat fl-ewwel imputazzjoni kien dak tal-fastidju fit-termini tal-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali li fi żmien ir-reat de quo kien jaqra hekk : -

> **251A.** (1) Persuna li ġġib ruħha:
>
> (a) b’mod li tagħti fastidju lil persuna oħra, u
>
> (b) b’mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta’ fastidju għal dik il-persuna,
>
> tkun ħatja ta’ reat taħt dan l-artikolu.

(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qjies ta' persuna raġonevoli jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l- imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.

(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:

1. (a) l-imġieba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt; jew

2. (b) l-imġieba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew

(ċ) fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġonevoli.

(4) Persuna misjuba ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn xahar sa sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn elfejn u ħames mitt euro (2,500) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda l-piena għandha tiżdied bi grad wieħed meta r-reat isir kontra xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1).

30. Sabiex jirriżulta dan ir-reat iridu għalhekk jiġu pruvati b'mod sikur :

(i) l-atti li jikkostitwixxu l-fastidju u

(ii) dawn l-atti imwetqin fuq f'aktar minn okkażjoni waħda b'mod li jkun jista' jitqies li jissawwar "course of conduct" b'dik l-imġieba.

31. Din il-Liġi ġiet modellata fuq il-Liġi Ingliża: **Protection of Harassment Act, 1997**. B'referenza għall-elementi ta' dan ir-reat, fil-każ **il-Pulizija vs. Carmelo Vella**[10] il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej: 'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar con-duct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, alt-hough section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor vs

[10] Deċiża fl-14 ta' Mejju 2012.

Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being **no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment**.[11] But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable.

Two incidents can constitute **a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely its that they could be described as 'a course of conduct[12]'**: Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC. In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon.

32. Illi fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mirko Giannetti**[13] li fih saret riferenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini**[14] fejn il-Qorti qalet:-

Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz 'Harassment') gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan lelement ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez [21.6.07]:- "...f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien".

[11] Enfasi ta' din il-Qorti.
[12] Emfasi ta' din il-Qorti.
[13] Deċiża 21 ta' Frar 2012
[14] Deċiża 27 ta' Frar 2009

33. Illi mhux kull komportament jista' jagħti lok għall-fastidju. L-ewwel u qabel kollox il-fastidju jimplika sensazzjoni ta' dwejjaq, ta' skomfort tali li jikkawża fis-suġġett passiv tar-reat sensazzjoni ta' negattivita'. Il-Liġi Maltija, bħal dik Ingliża, ma tiddefinix x'jammonta għal fastidju. Iżda l-Artikolu 251Ċ tal-Kodiċi Kriminali - li jispjega x'jista' jinkludi fih il-'fastidju' skont fl-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali jinkludi meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lis-suġġett passiv tar-reat.

34. Biss tali 'fastidju' jrid jiġi pruvat b'sikurezza li ma jkunx seħħ biss f'okkażjoni ta' darba, iżda jkun irid jippersisti fuq aktar minn okkażjoni waħda, b'mod li l-imġieba tas-suġġett attiv tkun tista' tiġi meqjusa li tkun żviluppat f'course of conduct. Ir-retroxena ta' kull inċident għalhekk jieħu rwol ċentrali fid-determinazzjoni ta' jekk u safejn dan il-course of conduct kienx jeżisti jew le fil-każ partikolari.

35. L-appellant ġie mixli, u misjub ħati, li kkważa fastidju lil Josette Al-Rael, lil Damian Cuschieri u lil Charlene Saliba.

36. F'paġna 57 et deq Josette Al Ra-el xehdet li ma kinitx preżenti fil-ħanut la meta l-appellant mar filgħodu u daħal bil-mus fuq il-lavrant Damian Cuschieri u lanqas meta reġa' rritorna fil-għaxija meta mar jixtri l-lubretti in kwantu dak il-ħin sab lil Charlene Saliba. Fix-xiehda tagħha Josette Al Ra-el lanqas ma semmiet li kien hemm xi episodji oħrajn preċedenti fejn l-appellant iffastidja lilha b'xi mod. Fix-xiehda tagħha ssemmi biss li dan kien imur jixtri mill-ħanut Clive Confectionary li tiegħu hija s-sid. Riprodotta in kontro-eżami a fol 197 hija qalet li ma kellhiex pretensjonijiet fil-konfront tal-appellant u

li hija ma riedutx li jmur il-ħabs, għalkemm xtaqitu jwegħdha li ma kienx ser jerġa jagħmel dawn "l-affarijiet". B'hekk minn din ix-xiehda din il-Qorti tqis li ma jistax jissussisti r-reat ta' fastidju fil-konfront ta' din ix-xhud Josette Al Ra-El.

37. Illi Damian Cuschieri xehed (f'paġni 82 u 175) li kif ra lill-appellant dieħel fil-ħanut huwa għarfu iżda xorta waħda ħa qata' għaliex rah b'mus f'idejh u li dan il-mus baqa' jżommu f'idejh anki meta talbu l-flus mill-cash register. B'hekk tali 'qata' kienet taqa' fid-definizzjoni ta' 'fastidju' ai termini tal-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali.

38. Il-kwistjoni kollha pero' tibqa' jekk anki fil-konfront ta' Damian Cuschieri kienx jirriżulta li l-appellant kien aġixxa b'mox fastidjanti f'iktar minn okkażjoni waħda. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni stess jekk qatt kienx ġara xi ħaġa bħal din darba oħra, Damian Cuschieri wieġeb li l-appellant kien imur jixtri ta' spiss minn hemm, iżda qatt ma kien ġara xejn qabel. Għalhekk, il-course of conduct meħtieġ sabiex jissussisti dan ir-reat lanqas ma ġie sodisfatt fil-konfront ta' Damian Cuschieri.

39. Illi f'paġni 78 u 172 xehdet Charlene Saliba u qalet li wara nofsinhar tal-istess jum li fih seħħ l-inċident imsemmi, hi kienet irraportat lill-appellant mal-Pulizija peress li l-appellant kien reġa' mar fil-ħanut waqt li hi kienet xogħol. Mix-xiehda tagħha jirriżulta li meta l-appellant reġa daħal fil-ħanut wara nofsinhar, huwa kien mar jixtri u ma daħalx armat. L-appellant kien irreferilha għall-inċident li kien seħħ filgħodu u staqsiha jekk beżgħetx mill-mus. Biss wara li xtara xi ħaġa (lubretti?) huwa telaq 'il barra.

40. Din ix-xhud għalhekk ma ssemmix li hija b'xi mod ġiet fastidjata mill-appellant dakinhar tal-inċident u l-anqas issemmi jekk kienux seħħew xi inċidenti preċedenti da parti tal-appellant fejn hija kienet preżenti. Din ix-xhud tistqarr kjarament li hi ma kinetx preżenti fil-ħanut filgħodu meta seħħ l-episodju tal-mus fuq Damian Cuschieri.

41. Minbarra dawn ix-xiehda il-Prosekuzzjoni preżentat ukoll ix-xiehda tal-Ispettur Hubert Cini f'paġna 87 et seq, nonche l-NPS li ġew magħmula matul dak il-jum u li fihom ġew inklużi l-kwereli u dan a fol 41 u 45 rispettivament.

42. Issa fl-NPS eżebit f'paġna 43 hemm miktub li Josette Al Ra-El kienet irrapurtat illi din ma kienetx l-ewwel darba li l-appellant għamlilhom dawn l-affarijiet. Ġie rapurtat li Al Ra-El qalet ukoll li meta jkun hemm hi l-appellant kien joqgħod lura milli jitkellem żejjed għaliex hi kienet taf kif iżżomlu. Inoltre meta l-appellant ikun għaddej minn quddiem il-ħanut u ma jarax lilha, huwa kien jidħol ġewwa u joqgħod jgħidilhom li mgħammar u jgħidilhom biex ituh il-flus. Ġie mistqarr ukoll li rrapurtat li Al Ra-El qatt ma għamlet kwereli qabel għax ma riedetx tkabbar l-affarijiet iżda ħasset li ma setgħetx tibqa' sejra hekk għax kull darba l-appellant kien ibeżżgħalha l-ħaddiema u hi ma setgħetx tagħmel ħmistax il-siegħa xogħol minħabba dan l-individwu.

43. Mill-banda l-oħra fl-NPS f'paġna 47 ġie rapurat minn Charlene Saliba li madwar xahar qabel ma seħħ dan l-inċident l-appellant kien

daħal fil-ħanut u qallha li meta se jsibha aljenata huwa kien ser jisraqha.

44. Fix-xiehda tiegħu l-Ispettur Hubert Cini itenni dak li kien ġie rapurtat fl-NPS minn Al Ra-El u Saliba fis-sens li Josephine Ra-El hi u tagħmel ir-rapport qalet li din mhux l-ewwel darba li Ritchie għamel hekk u li qatt ma saru rapporti qabel għax ma riditx tkabbar l-affarijiet peress li joqgħod faċċiata tagħhom. Pero il-ħaddiema qalet li kienu qiegħdin jiddejqu. Żied ukoll li aktar tard wara nofsinhar reġgħet daħlet telefonata mingħand ċerta Charlene Saliba fejn qalet li Ritchie kien reġa daħal fil-ħanut bil-mus u reġa' għamel l-istess ħaġa.

45. Din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay evidence** u l-prinċipji imsemmija aktar il-fuq. F'dan il-każ Al Ra-El u Saliba – ċjoe ż-żewġt persuni li kienu għamlu kuntatt mal-Pulizija u kwerelaw lill-appellant – xehdu viva voce quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Fix-xiehda tagħhom kienu speċifiċi fir-rigward tal-inċident li kien seħħ dakinhar tas-7 t'April 2018 iżda ma xehdu xejn dwar inċidenti preċedenti. Jiġifieri dak li hemm miktub fl-NPS u li dwarhom xehed l-Ispettur Cini ma ġiex konfermat bil-ġurament ta' dawn iż-żewġt xhieda tal-Prosekuzzjoni. L-NPS jista' jikkostitwixxi prova ta' dak li kiteb is-Surġent iżda mhux prova tal-kontenut tiegħu.[15]

46. Din il-Qorti ma għandhiex dubju li l-Pulizija li ħadu l-kwerela u l-Ispettur Cini kienu fidili lejn dak li kienu semgħu meta kitbu u qalu li semgħu lil Al Ra-El u Saliba jirreferu għal inċidenti preċedenti.

[15] **Il-Pulizija vs. Andrew Pace** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Diċembru 2014.

Iżda dak li semgħu, kitbu u stqarr l-Ispettur Cini u l-aġenti tal-pulizija li rrediġew l-NPS jista' jitqies bħala prova li Al Ra-El u Saliba qalu dak id-diskors iżda mhux li dak id-diskors kien fil-fatt jirrappreżenta l-verita storika. Al Ra-El u Saliba kellhom l-opportunita li jirreferu għal dawk l-episodji preċedenti fix-xiehda tagħhom viva voce, iżda għal xi raġuni, dawn ma semmew xejn minn dan – minkejja li Al Ra-El ġiet riprodotta in kontro-eżami a fol 197, Saliba ġiet ukoll riprodotta tixhed a fol 172 u Damian Cuschieri ġie wkoll riprodott a fol 175.

47. Ġaladarba l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet semgħet lil dawk ix-xiehda jixhdu bil-ġurament quddiemha, hija kellha tagħti piż lil dik li dawn ix-xiehda xehdu bil-ġurament. Dak li huma setgħu irrapurtaw lill-Pulizija u li sussegwentement ma kkonfermawhx bil-ġurament tagħhom meta kellhom l-opportunita kollha li jagħmlu dan ma jistax jingħata piż tali li jiżboq jew jissuplimenta dak li huma jkunu xehedu bil-ġurament, jew naqsu milli jikkonfermaw bil-ġurament tagħhom meta xehdu quddiem il-Qorti.[16]

48. B'hekk din il-Qorti tqis li mill-evidenza prodotta f'dan il-proċess għalkemm jirriżulta pruvat b'sikurezza li fil-għodu tal-jum inkriminat l-appellant għamel azzjoni li biha ta' qatgħa u beżża' lil Damian Cuschieri, mill-banda l-oħra ma ġiex pruvat b'sikurezza li minbarra dan l-episodju kien hemm episodji oħra preċedenti fejn l-appellant ġab ruħu b'mod fastidjanti fil-konfront ta' dawn it-tliet xhieda jew min minnhom.

[16] Din il-Qorti tirreferi dawn il-konsiderazzjonijiet ukoll fir-rigward tal-analiżi tas-sejbien ta' ħtija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u li magħha huwa marbut it-tieni aggravju.

49. Illi għalhekk dil-Qorti tqis li bil-provi li kellha quddiemha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx legalment u raġonevolment issib lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni u b'hekk dil-Qorti sejra tilqa' l-ewwel aggravju.

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni meritu tat-tieni aggravju tal-appellant.**

**Ikkunsidrat**

50. Illi t-tieni imputazzjoni hija msejsa fuq l-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-Artikolu, fiż-żmien ta' meta seħħ il-każ kien jgħid is-segwenti:

> **251B.** (1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl- artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, u tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet xhur sa sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75) u mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.
>
> (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-persuna li l-imġieba tagħha tkun waħda dubjuża jmissha tkun taf li tkun se tikkaġuna biża' f'ħaddieħor li ser tintuża vjolenza kontrih f'xi okkażjoni jekk persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġieba tkun ser tikkaġuna biża' fil-persuna l-oħra f'dik l-okkażjoni.
>
> (3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:
>
> 1. (a) l-imġieba tagħha kienet adottata fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 251A(3)(a) jew (b); jew
>
> 2. (b) l-imġieba adottata kienet waħda raġonevoli għall- ħarsien tagħha nnifisha jew ta' ħaddieħor jew għall- ħarsien tal-proprjetà tagħha jew ta' ħaddieħor.

51. Illi mill-lokuzzjoni ta' din il-Liġi jemerġu dawn l-elementi li jridu jiġu ppruvati:

(i) li s-suġġett passiv tar-reat ħass "biża". Il-Liġi ma tiddefinix xi tfisser b'"biża". B'hekk trid tingħata t-tifsira ordinarja għal din il-kelma. F'dan il-kuntest, il-biża titqies dik is-sensazzjoni fis-suġġett passiv li jagħraf li jkun riesaq lejh xi periklu li minħabba fih tista ssirlu xi ħsara lilu jew lill-proprjeta tiegħu jew ta' xi familjari tiegħu;

(ii) is-suġġett passiv irid ikun ħass din il-biża' f'iktar minn okkażjoni waħda (l-hekk imsejħa **course of conduct**).

52. Dwar il-**course of conduct**, il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ **Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro**[17], qalet hekk:

> Biex ikun hemm htija taht l-artikolu 251B irid ikun hemm a course of conduct kif juri l-kliem "lil xi haddiehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazjoni-jiet". Jista' jkun hemm aktar minn okkazjoni waħda fl-istess jum u ghalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta wahda[18].
>
> 'Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk:
>
> "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza ttest Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fissubartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" (sottolinear ta' din il-Qorti).

---

[17] Deċiża nhar l-24 ta' April 2009.
[18] Deċiża 7 ta' Marzu, 2012.

Il-kliem “on each of those occasions” huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f’okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, “on at least two occasions”. Ghal xi raguni – fil-fehma ta’ din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem “on at least two occasions thallew barra”. Fi kliem l-edituri ta’ Blackstone’s Criminal Practice, 2008:

‘How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived ‘where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct’. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…’

“Dak li qed jigi deciz f’din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta’ minuti) ma jammontax ghal “course of conduct” ghall-finijiet talArtikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata flimsemmi artikolu hija dik li talvolta tista’ tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi. Ghalhekk l-appellant ser jigi liberat mill-imputazzjoni li tipotizza rreat kontemplat flArtikolu 251B(1) tal-Kap. 9.4

53. Illi fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**[19] intqal is-segwenti:

“Biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm a course of conduct kif juri l-kliem: ‘lil xi ħadd ieħor hekk jibża’ kull darba minn dawk l-okkażjonijiet’. Jista’ jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din a course of conduct fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x’ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra talappellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta”.

54. Illi huwa stabbilt allura li sabiex jissussiti r-reat in diżamina, is-suġġett attiv tar-reat irid ikun aġixxa b’mod tali li pprovoka sensazzjoni ta’ biża’ fis-suġġett passiv tar-reat f’iktar minn okkażjoni waħda u li tali okkażjonijiet jeħtieġ li jkunu qrib xulxin fiż-żmien. U sabiex il-Qorti tasal

[19] Deċiża fil-21 ta’ Frar 2012

tifhem jekk kienx hemm **course of conduct**, kultant ikun jeħtieġilha wkoll tanalizza r-retroxena tal-każ sabiex tifhem kif, fid-dawl ta' dik ir-retroxxena li toħroġ mill-verżjoni tal-partijiet u minn xi provi oħra, anki inċident iżolat jistax jittieħed f'kuntest aktar wiegħsa minħabba sejre ta' ċirkostanzi li jsawru din ir-retroxena. Dan dejjem pero', irid ikun hekk rifless ukoll fil-perjodu ta' żmien indikat fil-komparixxi b'mod tali li l-imputat ikun jaf il-partikolaritajiet taż-żmien li fih huwa jkun qiegħed jiġi akkużat li jkun wettaq tali reati u jkun għalhekk jista' jħejji sew id-difiża tiegħu. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**[20] il-Qorti tal-Appell Kriminali iddefiniet 'ir-retroxena' bil-mod segwenti:

> "…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien." Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa.

55. Illi fl-Artikolu 251B(2)[21] tal-Kodiċi Kriminali l-Leġislatur jintroduċi test oġġettiv sabiex jiġi eżaminat jekk il-komportament tas-suġġett attiv tar-reat, f'dik l-okkażjoni partikolari setgħax jagħti lok għal sensazzjoni ta' biża fis-suġġett passiv tar-reat. Issa x'jammonta għal "biża'" jaf ivarja minn persuna għall-oħra nonche minn ċirkostanza għall-oħra. B'hekk permezz ta' dan is-subinċiż il-ġudikant għandu japplika t-test tal-bniedem raġonevoli li wkoll irid jidħol fiż-żarbun tas-suġġett passiv tar-reat. Il-Qorti trid għalhekk tiżhen iċ-ċirkostanzi partikolari soġġettivi tas-suġġett passiv u tgħaddihom mill-għarbiel tat-test tar-raġonevolezza f'persuna

[20] Deċiża 21 ta' Ġunju 2007.

[21] Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qjies ta' persuna raġonevoli jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik limġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.

ordinarja meta impoġġija f'dik is-sitwazzjoni **<u>f'kull waħda minn dawk l-okkażjonijiet.</u>**

56. Jiġifieri biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal biex issib ħtija f'persuna in bażi għar-reat imsemmi fl-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali jeħtieġ li jkun hemm ukoll element oġġettiv li fuqu Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' tqis li jkun hemm verament bażi għal biża rikjesta mill-Liġi. F'bosta każijiet jista' jkun hemm pika u attrit bejn il-partijiet involuti. Bosta drabi wkoll jirrikorru għal ċerti strataġemmi u tattiċiżmi li mhux dejjem jgħinu lil Qrati ta' Ġustizzja Kriminali jiddixxernu liema jkunu dawk il-każijiet ġenwini fejn verament ikun hemm il-biża rikjesta mill-Liġi u liema ma jkunux każijiet ġenwini. Mhux kull pika jew kwistjoni jew argument bejn tnejn minn nies iwaslu biex dan ir-reat jiġi integrat. Il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali jridu jixtarru l-fatti f'kull każ u jaraw kemm ir-riskontri soġġettivi u oġġettivi rikjesti biex iqisu jekk dan ir-reat ikunx jista' jitqies integrat o meno.

57. Illi x-xiehda kemm ta' Josette Al Ra-el u Charlene Saliba teskludi li l-aġir tal-appellant fil-konfront tagħhom kien setgħa jintegra r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali. Dawn iż-żewġ xhieda ma kinux preżenti filgħodu meta seħħ l-episodju tal-mus. Fi kwalunkwe każ qatt ma jixhdu li kienu mhedda jew imbeżżgħin mill-appellant f'din l-okkażjoni jew xi okkażjoni preċedenti.

58. Mill-banda l-oħra mhux l-istess jista jingħad għal Damian Cuschieri. Cuschieri jixhed kif huwa inħasad u ħassu beżgħan għaliex allavolja għaraf lill-appellant u l-appellant qallu li kienet ċajta,

dan xorta waħda ġie konfrontat mill-appellant b'arma li taqta' u bil-ponta b'mod li Cuschieri setgħa jara li dan il-mus li kien f'idejn l-appellant kien miftuħ għax seta' jara x-xafra.

59. Iżda din il-Qorti għal darba oħra tirrileva li sabiex jissussti r-reat ravviżat fl-Artikolu 251B irid jiġi pruvat b'sikurezza **course of conduct**. Din il-Qorti diga' spjegat fl-analiżi tagħha tal-provi imresqa aktar il-fuq b'riferenza għall-ewwel aggravju kif l-ebda xhud, inkluż Damian Cuschieri, ma kkonferma li minbarra l-episodju ta' filgħodu huwa kien ukoll suġġett għal xi episodju ieħor ta' biża li se tintuża vjolenza fuqu eċċetra mill-appellant. Anzi fix-xiehda tiegħu f'paġna 177 għall-mistoqsija tal-Prosekutur jekk qatt ġara xi ħaġa (oħra mill-appellant fil-konfront tiegħu) Cuschieri wieġeb li "fejn kien hemm jiena le, meta kien hemm jiena xoghol".

60. Illi għalhekk dil-Qorti tqis li bil-provi li kellha quddiemha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx legalment u raġonevolment issib lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni u b'hekk dil-Qorti sejra tilqa' wkoll it-tieni aggravju.

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tas-sitt imputazzjoni meritu tat-tielet aggravju tal-appellant.**

**Ikkunsidrat**

61. Illi fit-tielet aggravju tiegħu, l-appellant jattakka s-sejbien tal-ħtija tiegħu fuq is-sitt imputazzjoni li kien imsejjes fuq ir-reat taħt l-

Artikolu 339(1)(i) tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi l-kontravvenzjoni ta' min "jagħti qtajja jew ibeżża' lil ħaddieħor, b'mod li jista' jagħmillu ħsara, għalkemm jagħmlu b'ċajt".

62. Illi din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet issib applikazzjoni ta' dan ir-reat kontravvenzjonali biss fil-konfront ta' Damian Cuschieri. Il-provi ammissibbli f'dan il-każ juru inċident wieħed li seta kien il-kawża ta' biża jew qata'. Dan l-episodju huwa l-inċident mertu tal-każ in eżami li seħħ fil-għodu u li sar fil-konfront tal-lavrant Damian Cuschieri.

63. Dil-Qorti ma tistax taqbel mal-argument tal-appellant li dan l-inċident fl-ebda ħin ma beżża' jew tal-inqas ħasad lill-imsemmi Damian Cuschieri. Damian Cuschieri qal ċar u tond li nħasad meta ra lill-appellant dieħel bil-mus.[22] Fuq domanda ta' jekk kienx baqa' jibża' meta l-appellant qallu li kienet ċajta, huwa jwieġeb li iva, xorta baqa' beżgħan għaliex l-appellant kien għadu kemm urieh mus.

64. L-appellant jargumenta li lanqas ma hemm prova ta' kif dawn iċ-ċirkostanzi setgħu wasslu għall-ħsara fuq il-persuna. Il-biża jew ħsara mhux biżżejjed biex jissussisti r-reat iżda jrid jirriżulta li kien hemm ħsara fuq il-persuna. Din il-prova mhix fl-atti għalhekk għandu jiġi liberat mis-sitt akkuża wkoll.

65. Din il-Qorti ma taqbilx ma din l-interpretazzjoni. Il-Liġi hawnhekk ma titkellimx fuq ħsara ċerta iżda fuq il-**<u>potenzjal</u>** ta' dak

[22] Fol. 176 tal-atti proċesswali.

l-aġir speċifiku tas-suġġett attiv tar-reat li jikkawża ħsara f'ħaddieħor. Ċertament li x-xena tal-appellant dieħel b'mus miftuħ f'idejh, u li jinżamm ippuntat fid-direzzjoni ta' Damian Cuschieri waqt li l-appellant baqa' jżomm dal-mus miftuh f'idejh huwa u jitolbu l-flus mill-cash register, hija xena tali li anke jekk magħmula b'ċajta, hija azzjoni li minnha nnifisha tista' tagħti qata' jew tbeżża lis-suġġett passiv b'mod li jista'jagħmillu ħsara - anki jekk effettivament tali ħsara ma ssirx u ma tirriżultax.

66. Illi għalhekk dil-Qorti tqis li bil-provi li kellha quddiemha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib lill-appellant ħati tas-sitt imputazzjoni iżda b'riferenza biss lejn Damian Cuschieri. D'hekk dil-Qorti sejra tiċħad it-tielet aggravju.

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tas-seba' imputazzjoni meritu tar-raba' aggravju tal-appellant.**

**Ikkunsidrat**

67. Illi r-raba' aggravju jitratta s-sejbien tal-ħtija tal-appellant tar-reat kontravvenzjonali fit- termini tal-Artikolu 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, ċjoe l-kontravenzjoni ta' min, "mingħajr ma jidrob jew isawwat, ihedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew iwaddabhom, jew jaqbad armi oħra kontra n-nies".

68. L-appellant jargumenta li fil-każ odjern la kien hemm ġebel u lanqas ħwejjeġ iebsa iżda kien involut mus li skont l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi Kriminali dan kien jammonta għal arma regolari. Ġjaladarba l-leġislatur kwalifika l-armi fl-Artikolu 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali bħala armi oħra, dan ċertament ifisser li l-armi l-oħra huma armi irregolari hekk kif inhuma l-ġebel u ħwejjeġ iebsa in kuntrast ma' mus. Dan għalhekk ifisser li l-appellant huwa fl-impossibilita' li jinstab ħati ai termini tal-Artikolu 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, in oltre l-fatt li m'hemmx motivazzjoni ċara ta' għalfejn l-ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant għal dan ir-reat.

69. Anke hawn din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-appellant. Meta l-Leġislatur ħaseb f'din il-kontravenzjoni, huwa kellu f'moħħu sitwazzjoni fejn is-suġġett attiv tar-reat jaqbad arma kontra persuna oħra mingħajr ma jkun effettivament uża dik l-arma jew kkaġunalha l-ħsara. Meta f'din id-dispożizzjoni l-Liġi titkellem fuq 'armi' hija ma tagħmilx distinzjoni bejn in-natura tal-armi hemmhekk imsemmija. Il-Liġi tuża l-kelma "armi" mingħajr ma tispeċifika n-natura tal-armi de quo. Din il-Qorti ma għandhiex dubju li mus jikkostitwixxi arma wkoll għall-fini tal-artikolu 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Jirriżulta mix-xiehda ta' Damian Cuschieri nonche minn dik tal-filmat u l-istills eżebiti li l-appellant fil-fatt verament kellu f'idejh strument li jidher li kien bil-ponta kompatibbli ma mus.

70. Ma hemmx dubju li l-azzjoni tal-appellant, anke jekk jgħid li kienet ċajta, xorta waħda kienet azzjoni voluta. Dan ir-reat huwa wieħed kontravenzjonali fejn allura skont l-appell kriminali Il-Pulizija vs. Mary Simiana deċiza mill-Qorti Kriminali f'sede t'appell mill-Imħallef William Harding nhar is-6 ta' Marzu 1954 l-element psikiku

fir-reat kontravvenzjonali hu soddisfatt bis-sempliċi volontarjeta tal-att u mhux meħtieġ li jiġi pruvat xi dolus għalkemm irid dejjem jiġi pruvat b'mod sikur li l-imputat ikun ried iwettaq il-fatt. Bla dubju hawnhekk li l-appellant ex admissis ried iwettaq il-fatt – irrispettivament mill-motiv li huwa setgħa kellu – jiġifieri li jwettaq, skontu, ċajta.

71. Għalhekk dil-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib lill-appellant ħati fir-rigward tas-seba' imputazzjoni. B'hekk ir-raba' aggravju qiegħed jiġi respint.

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tat-tminn imputazzjoni meritu tal-ħames aggravju tal-appellant.**

**Ikkunsidrat**

72. Illi minn qari tal-proċess li wassal għas-sentenza appellata, jirriżulta li filwaqt li ġew esebiti diversi sentenzi[23] li ngħataw minn diversi Qrati fil-konfront tal-appellant, ma tirriżultax fosthom is-sentenza li fuqha setgħet treġġi s-sejbien ta' ħtija tat-tmien akkuża hekk miġjuba kontra l-appellant.

73. F'imputazzjoni ta' din in-natura, il-ġurisprudenza teħtieġ li, sabiex imputat jiġi misjub ħati tagħha, il-Prosekuzzjoni trid tressaq il-prova :

[23] Ara minn fol. 108 et seq. tal-atti proċesswali.

a. ta’ Kopja awtentika tas-sentenza li minnha tirriżulta l-ordni maħruġa ai termini tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta;
b. il-prova li l-persuna imputata u l-persuna li isimha jkun miktub fuq dik is-sentenza huma l-istess identika persuna;
c. il-prova li dik is-sentenza kienet res iudicata;
d. il-prova li r-reat seħħ fil-perjodu ta’ l-ordni ta’ probation jew liberazzjoni fit-termini tal-artikolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta.

74. Jirriżulta li l-prova prinċipali li ingħatat is-sentenza msemmija fit-tminn imputazzjoni kontra l-appellant ma tinstabx fl-atti proċesswali. Illi għalhekk dil-Qorti tqis li bil-provi li kellha quddiemha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx legalment u raġonevolment issib lill-appellant ħati tat-tminn imputazzjoni u b’hekk dil-Qorti sejra tilqa’ wkoll il-ħames aggravju.

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li għandhom x’jaqsmu mal-piena inflitta minn dik il-Qorti in kwantu l-meritu tas-sitt aggravju huwa dwar il-piena inflitta.**

**Ikkunsidrat**

75. Illi finalment, l-appellant qiegħed jilmenta li l-piena mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta’ disa’ xhur priġunerija effettiva li huwa jqis li kienet ferm gravuża fiċ-ċirkostanzi ta’ dan il-każ.

76. Issa, in linea ta’ piena, din il-Qorti tosserva kif il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a) Retributtiv;

(b) Preventiv; u

(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.

77. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali.

78. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **<u>qabel</u>** ma twettaq l-att kriminuż.

79. L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk

il-kollettivita titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda’ titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-kollettivita milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b’konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita’ li tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta’ delinkwenza b’konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita’. Il-kollettivita’ allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.

80. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta’ trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta’ riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata’ mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta’ theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

81. F’dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Iżda aktar minn hekk il-ħati għandu jkollu dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista’ jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b’mod li għalhekk ikun jista’ jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu, jkollu biex jgħix diċenti, ma jkollux

għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

82. F'dawn il-proċeduri t'appell, il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha, jekk il-piena inflitta minnha kienet taqa' fil-parametri legali u jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

83. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun

għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

84. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

85. Illi f'dan il-każ, dil-Qorti wriet biċ-ċar fil-korp ta' dis-sentenza li sejra tilqa' wħud mill-aggravji tal-appellant u għalhekk dan sejjer iħalli effett fuq il-kwantita' ta' piena finali li sejra tkun inflitta fil-konfront tal-appellant. Inoltre, dil-Qorti trid tistħarreġ ukoll jekk u safejn l-addebitu tar-reċediva kienx ampjament ippruvat.

86. Illi biex il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' tapplika l-effetti tar-reċidiva fil-konfront ta' persuna misjuba ħatja ta' delitt, dik il-Qorti qabel xejn tkun trid li ssib lil dik il-persuna bħala li tkun reċidiva fl-ewwel lok. Iż-żieda fil-piena hija **effett** tar-reċidiva u mhux il-kawża. U ġaladarba ż-żieda hija effett tar-reċidiva, biex dak l-effett ikun jista' jiġi fis-seħħ, jeħtieġ li qabel xejn il-kawża tiegħu – jiġifieri r-reċidiva - tkun pruvata. L-effett tar-reċidiva jista' jġib miegħu konsegwenzi serji fuq l-imputat in kwantu Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' żżidlu l-piena ordinarjament imposta mill-Liġi għal dik li tkun stabbilita bl-artikoli tal-Liġi regolanti l-effetti tar-reċidiva b'mod ġenerali jew speċjali.

87. Għalhekk l-addebitu tar-reċidiva ma jistax jitqies mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali b'mod leġġer u dan peress li jekk pruvata, r-reċidiva tista' tħalli impatt serju fuq il-kwalita u l-kwantita tal-piena imponibbli fuq l-imputat. Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma tistax tassumi li persuna huwa reċidiv jew tqis imputat bħala reċidiv sempliċiment mad-daqqa t'għajn lejn il-fedina penali tiegħu – għalkemm din hija indikattiva tal-karattru tal-imputat u l-ġurisprudenza teżiġi li tittieħed in konsiderazzjoni f'kull każ meta tali Qorti tiġi biex teroga l-piena.

88. Iżda sabiex imputat jiġi ritenut legalment reċidiv – bil-konsegwenti potenzjal ta' żieda fil-piena ordinarja stabbilita għar-reat partikolari - il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali jridu jassiguraw li ċerti rekwiżiti stabbiliti mill-liġi u mill-ġurisprudenza jiġu soddisfatti. Fosthom hemm :

i. Ir-reċidiva trid tiġi imputata u pruvata mill-istess Prosekuzzjoni bi provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni;
ii. Ir-reċidiva tiġi pruvata billi tiġi preżentata kopja awtentika tas-sentenza li minnha tkun temana l-kundanna preċedenti.
iii. Trid tiġi pruvata l-identiċita tal-persuna imputata mal-persuna li tkun ġiet imsemmija fis-sentenza awtentika preżentata bi prova in reċidiva, billi inter alia jixhed dak li kien l-uffiċjal prosekutur fil-kawża deċiża u jikkonferma l-identita tal-imputat, jew billi jkun hemm prova biċ-ċertifikat tat-twelid jew tal-karta tal-identita jew minn dokument ieħor uffiċjali li minnu tkun tirriżulta l-identita tal-imputat, jew mill-konnotati tal-imputat imsemmija fis-sentenza awtentika preżentata u li tikkonferma l-identiċita tal-konnotati tal-persuna imputata mal-konnotati tal-persuna misjuba ħatja preċedentement mid-dokumenti li jkunu meħuda mill-proċess oriġinali.
iv. Għall-fini tal-artikoli 50 u 53 tal-Kodiċi Kriminali huwa meħtieġ ukoll li tinġieb il-prova jekk il-piena tkunx ġiet maħfura jew skontata u f'dan is-sens tista' tinġieb prova dokumentarja jew viva voce tar-Reġistratur.
v. F'kull każ tkun trid tinġieb il-prova li s-sentenza eżebita fl-atti in reċidiva kienet saret **res iudicata** billi jew li ma sarx appell minn dik is-sentenza jekk dik tkun sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza jew fil-każ fejn ikun sar appell minn sentenza tal-Prim'Istanza tinġieb prova bis-sentenza awtentika tal-Qorti tal-Appell Kriminali jew b'digriet awtentiku ta' deżerzjoni tal-appell, inter alia b'dikjarazzjoni ġuramentata tal-Uffiċjal Prosekutur partikolari jew tar-Reġistratur li jikkonfermaw li mill-istħarriġ tagħhom ikun jirriżulta li dik is-sentenza partikolari tkun għaddiet in ġudikat.  Altrimenti f'każ fejn ma jkunx hemm

prova li s-sentenza kundannatorja preċedenti kienet **res iudicata**, ma jkunx jista' jingħad b'sikurezza li persuna hekk imputata bir-reċidiva tkun fil-fatt reċidiva skont il-Liġi u dan peress li sakemm il-posizzjoni tal-persuna imputata ma tkunx ġiet kristallizzata bil-ġudikat, u tkun tista' għadha tinbidel fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

89. Issa f'dan il-każ jirriżulta li l-addebitu tar-reċidiva fil-konfront tal-appellant RITCHIE ġie msejjes quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) – u hekk ġie minnha misjub reċidiv – in bażi għas-segwenti sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datati 24 ta' Marzu, 2014 (fol. 108), 25 ta' Jannar 2013 (fol. 113), 15 ta' Ottubru 2012 (fol. 60), l-24 ta' Marzu 2014 (fol. 121), l-25 ta' Jannar 2013 (fol. 127).

90. Għalkemm ġew eżebiti kopji awtentiċi tas-sentenzi de quo kif ukoll kien hemm il-prova tal-identiċita tal-imputat appellant mal-persuna li d-dettalji tagħhom jidhru fuq il-kopji tas-sentenzi eżebiti, f'kull ċirkostanza il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, li dawk is-sentenzi kienu res iudicata.

91. Din il-Qorti rat li l-Prosekuzzjoni eżebiet dawk is-sentenzi kollha biex tipprova r-reċidiva imputata minnha. Huwa minnu li fit-taħrika, meta l-Uffiċjal Prosekutur xela lill-appellant huwa qal – u sussegwentement ikkonferma bil-ġurament – li l-imputat appellant huwa reċidiv fit-termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali wara li huwa ġie misjub ħati permezz ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistgħu jiġu mibdula. Il-problema hija pero li meta kkonferma dan bil-ġurament

tiegħu ma kienx speċifiku fir-rigward ta' liema minn dawk it-tminn sentenzi eżebiti minnu kienu hemm res iudicata jew jekk kienux kollha res iudicata. Dan huwa dettall li din il-Qorti ma tistax tassumih.

92. Biss anke jekk, għall-grazzja tal-argument dawn jew uħud minnhom kienu res iudicata, xorta waħda ma ġietx imresqa prova jekk u meta dawn il-pieni li għalihom ġie soġġett l-appellant ġew skontati jew maħfura.

93. B'hekk ma kienx possibbli għall-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li ssib lill-appellant bħala reċidiv ai termini tal-artikolu 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali. Illi għalhekk dil-Qorti tqis li bil-provi li kellha quddiemha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx legalment u raġonevolment issib lill-appellant ħati tat-tminn imputazzjoni u b'hekk dil-Qorti sejra tilqa' wkoll, in parti, s-sitt aggravju.

# DECIDE

Konsegwentement, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell bis-segwenti mod:

i) Tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet ħtija fl-appellant għall-imputazzjonijiet numru sitta u sebgħa;

ii) Tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx ħtija fl-appellant għall-imputazzjonijiet numru tlieta,

erbgħa, u ħamsa, kif ukoll fejn asjteniet milli tieħu konjizzjoni tad-disa' imputazzjoni;

iii) Tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet ħtija fl-appellant għall-imputazzjonijiet numru wieħed, tnejn u tmienja kif ukoll fejn sabitu li huwa reċidiv fit-termini tal-artikoli 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali u b'hekk tilliberah minn kull ħtija, piena u konsegwenza għal dak li jirrigwarda dawn l-imputazzjonijiet biss;

iv) Tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn erogat il-piena ta' disa' xhur priġunerija kif ukoll fejn ħarġet l-ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

v) U ġaladarba din il-Qorti qegħda tikkonferma l-ħtija tal-appellant biss fir-rigward tas-sitt u seba' imputazzjonijiet kontravvenzjonali b'riferenza speċjali għal dak li wettaq lil Damian Cuschieri u wara li ħadet qies ukoll tal-fedina penali tal-appellant, minflok il-piena ta' disa' xhur priġunerija qegħda tikkundannah għall-piena ta' xaharejn detenzjoni.

vi) Inoltre wara li rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Damian Cuschieri, kif ukoll sabiex jiġi mħares il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena li bl-ebda mod ma jkellem jew jersaq fejn ikun jinstab Damian Cuschieri u dan taħt penali t'elfejn euro (€2000).

vii) U salv għal dak mibdul u msemmi aktar il-fuq b'din is-sentenza, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

***Aaron M. Bugeja,***

***Imħallef***